## FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 18 ta' April, 2002

Citazzjoni Numru: **190/02TM**

Numru**: 11**

**Bank of Valletta p.l.c.**

vs

**Piero u Elizabeth Barone**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-16 ta' Jannar, 1997, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Bank of Valletta Limited vs Piat Enterprises Limited et", Citazzjoni Numru 194/96, is-socjeta' attrici giet likwidata kreditrici tas-socjeta' Piat Enterprises Limited fl-ammont komplessiv ta' tnejn u tmenin elf mitejn u sebgha u erbghin liri Maltin u seba' centezmi

(LM82,247.07c), oltre l-interessi legali fuq l-istess somma mill-ewwel ta' Settembru 1996 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Ippremettiet illi dan id-debitu tas-socjeta' Piat Enterprises Limited huwa naxxenti minn kuntratt ta' *overdraft* u facilitajiet bankarji ohra fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu elf disa mija tlieta u disghin (1993), u iehor ta' l-erbatax (14) ta' Gunju elf disa' mija erbgha u disghin (1994); u l-operazzjoni da parti tas-socjeta' Piat Enterprises Limited tal-kontijiet numri 12411930029 u 32411930012 in segwitu ghal dawk iz-zewg kuntratti;

Ippremettiet illi fuq l-ewwel kuntratt fuq citat, il-konvenuta Elizabeth Barone (dakinhar Borg) kienet dahlet garanti solidali mal-kumpanija Piat Enterprises Limited ghad-debitu ta' dik il-kumpanija, filwaqt illi fuq it-tieni kuntratt fuq citat, kienu iz-zewg konjugi Barone illi dahlu hekk garanti;

Ippremettiet illi s-socjeta' attrici qeghda tezercita id-dritt illi ddur fuq il-konvenuti ghall-hlas ta' l-ammont dovut lilha, solidament mas-socjeta' Piat Enterprises Limited, u mal-garanti solidali l-ohra Emanuel sive Noel u Silvana konjugi Attard, Publius u Vincenza konjugi Pisani, illi kontra taghhom gia giet ottenuta is-sentenza fuq citata;

Ippremettiet illi dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u safejn taf is-socjeta attrici il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jqajjmu ghat-talba illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici jithallas;

Talbu biex ighid l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

(2) tiddikjara jekk hemm bzonn illi intom garanti solidali flimkien mal-kumpanija "Piat Enterprises Limited" ghall-ammont dovut mill-istess socjeta' lis-socjeta' attrici;

(3) tiddikjara illi l-ammont hekk dovut gia gie likwidat bis-sentenza fuq citata tas-16 ta' Jannar, 1997 fl-ammont ta' Lm82,247.07c oltre interessi legali fuq dan l-ammont mill-1 ta' Settembru, 1996 sad-data ta' l-effettiv pagament;

(4) tikkundannakhom sabiex b'mod solidali mas-socjeta' Piat Enterprises Limited u mal-garanti solidali l-ohra Emanuel sive Noel u Silvana konjugi Attard, Publius u Vincenza konjugi Pisani thallsu dan l-ammont.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom ingunti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat li l-konvenuti ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja